SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBATAX (KONTINWAZZJONI 2)**

**8 ta' Novembru, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**
Il-Viċi Sindku minħabba mpenji ta' xogħol.
Il-Kunsillier Rita Saliba minħabba mard fil-familja.
Il-Kunsillier Mikhail Micallef minħabba mpenji ta' xogħol.
Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Kappara Dr Frank Bartolo avża li ġej tard minħabba xogħol.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

a. Is-Sindku talab sospenzjoni tal-aġenda sabiex jigu diskussi issa erba' ħarġiet ta' offerti li kien hemm il-ħtieġa urġenti li jiġu aġġudikati.

b. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

c. Il-Kunsillier Joan Farrugia ppreżentat ittra lis-Segretarju Eżekuttiv fejn iddikjarat interess pekunarju fl-offerta numru SGLC/T/003/10 relatata mas-servizz ta' *contract management* peress li r-raġel tagħha hu wieħed mill-offerenti.

d. Is-Sindku għarraf lil Kunsill illi wara li ma kienx possibli li jiltaqa' l-bord ta' evalwazzjoni kien ġie deċiz li flimkien ma' membri oħra tal-Kunsill tinżamm laqgħa bejn il-Kunsilliera sabiex jaraw l-offerti u li minnha rriżulta li jsiru xi laqgħat speċifiċi ma' xi offerenti sabiex ikunu ċċarati xi affarijiet dwar is-sottomissjonijiet tal-offerti tagħhom u li kien se jispjega dan offerta b'offerta.

e. Is-Sindku għarraf ukoll lil Kunsill li kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iħejjilu rapport dwar is-sottomissjoni ta' dokument mill-offerenti għal kull offerta u dan peress li hu mportanti li jkun hemm verifika ta' dan.

f. Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni mill-Kunsill l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' skart goff liema offerta ġġib ir-referenza SGLC/T/002/10 u li għaliha kienu tefgħu s-sottomissjonijiet tagħhom *Twish Co Limited* u s-Sur Steve Galea.

g. Is-Sindku għamel referenza għal laqgħa li saret ma' wieħed miż-żewġ offerenti, is-Sur Steve Galea.

h. Il-Kunsillier Marica Bayliss qalet li minn verifika li għamlet mal-*Wasteserv* il-vettura li għandu hi rreġistrata bħala *scammel* u li dan kien jagħti s-servizz tal-*bulky refuse* lil Kunsill Lokali Ta' Xbiex iżda twaqqaf.

i. Is-Sindku għamel referenza għal dokumenti li ma kienux sottomessi miż-żewġ offerenti kif ukoll għar-rati tal-offerta.

j. Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta għandha tinħareġ mill-ġdid u li t-*tenderers* ikunu mogħtija l-fakulta li jiġbru d-dokument tal-offerta mingħajr ma jkunu obbligati li jħallsu għad-dokument.

k. Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament iddeċieda li s-servizz tal-ġbir tal-iskart goff jiġi estiż lil kuntrattur preżenti bħala servizz ta' emerġenza u li dan jibqa' fis-seħħ sakemm il-Kunsill ikun aġġudika l-offerta li se terġa tinħareġ.

l. Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni mill-Kunsill l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani liema offerta ġġib ir-referenza SGLC/T/004/10 u li għaliha kienu tefgħu s-sottomissjonijiet tagħhom is-Sur Brian Borg, *Twish Co Limited* u *Dimbors Limited*.

m. Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li saret mas-Sur Brian Borg li matulha dan ta' l-aħħar kien semma li ma kienx fehem eżatt ir-rati li jridu jiġu mitfugħa.

n. Is-Sindku għamel referenza għad-dokumenti sottomessi mill-offerenti fejn kien irriżulta li sew is-Sur Brian Borg kif ukoll *Twish Co Limited* kellhom dokumentazzjoni mhux sottomessa.

o. Il-Kunsill irrefera għar-rati kif mitfugħa u ra li dawk kif mitfugħa mill-offerent *Dimbors Limited* kienu għoljin ferm u li jaqbżu kull limitu finanzjarju li għandu l-Kunsill, u dan anke meta wieħed jikkompara mar-rati mal-offerenti l-oħra.

p. Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament iddeċieda li minħabba li l-ebda offerta ma tilħaq mal-kriterji tekniċi jew finanzjarji, din l-offerta għandha terġa tinħareġ mill-ġdid u li t-*tenderers* ikunu mogħtija l-fakulta li jiġbru d-dokument tal-offerta mingħajr ma jkunu obbligati li jħallsu għad-dokument.

q. Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni mill-Kunsill l-offerti mitfugħa għas-servizz għal manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku liema offerta ġġib ir-referenza SGLC/T/005/10 u li għaliha kien hemm tliet offerti mitfugħa mingħand Koperattiva Tabelli u Sinjali, is-Sur Mario Mallia u *B. Grima and Sons Limited*.

r. Is-Sindku għamel referenza għas-sottomissjoni ta' dokumenti tal-offerti fejn kien irriżulta li l-offerta tas-Sur Mallia kellha diversi dokumenti mhux sottomessi.

s. Fir-rigward tad-dokument magħrufa bħala "*Schedule of Rates*", il-Kunsill kien mgħarraf li t-tliet offerenti kienu taw ir-rati neċessarji filwaqt li dwar id-dokument "*Bill of Quantities*" l-ebda offerenti ma kien mela dan id-dokument.

t. Il-Kunsill iddiskuta li l-għan tal-offerta kien li jkun hemm somma fil-*Bill of Quantities* dwar il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u t-tabelli eżistenti kif ukoll li jkun hemm prezzijiet fir-rispett ta' tabelli u sinjali ġodda li jsiru.

u. Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament iddeċieda li din l-offerta għandha wkoll tkun maħruġa mill-ġdid peress li d-dokument ewlieni tal-*bill of quantities* tħalla vojt mit-tliet offerenti u t-*tenderers* ikunu mogħtija l-fakulta li jiġbru d-dokument tal-offerta mingħajr ma jkunu obbligati li jħallsu għad-dokument.

v. Il-Kunsillier Joan Farrugia kienet skużata mil-laqgħa fir-rispett tal-interess pekunarju li kellha fl-offerta li kienet se tiġi diskussa issa. (6.40pm)

w. Il-laqgħa ġiet sospiża mis-Sindku għal ħames minuti fis-6.40pm.

x. Il-laqgħa kompliet fis-6.45pm.

y. Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni mill-Kunsill l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' *contract manager* liema offerta ġġib ir-referenza SGLC/T/003/10 u li għaliha kienu tefgħu s-sottomissjonijiet tagħhom is-Sur Ricky Caruana, *Design & Technical Resources Limited* u s-Sur Emmanuel Farrugia.

z. Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li nżammet ma' rappreżentant tal-kumpanija *Design & Technical Resources Limited* li kellha l-irħas offerta u li bħala riżultat deher li din il-kumpanija ma kinitx fhemet sew il-bżonnijiet tal-Kunsill.

aa. Is-Sindku rrefera wkoll għal dokumentazzjoni mal-offerta u semma li d-*Design and Technical Resources Limited* kellhom d-dokument komplut filwaqt li dawk tas-Sur Ricky Caruana u tas-Sur Emmanuel Farrugia kellhom xi dokumenti li tajjeb li l-Kunsill jivverifika dwarhom anke minħabba li tressqet mistoqsija dwar il-validita' tagħhom.

bb. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li d-dokumenti relatati kienu man-numru ta' mpjegati fejn kien jidher li ż-żewġ offerenti

kienu *self-employed* u li dwar l-*insurance* mitluba setgħat tiġi vverifikata.

cc. Kien hemm ukoll qbil unanimu li fil-kuntratti taħt is-superviżżjoni tal-*contracts manager* għandu jiġi nkluż il-manutenzjoni tat-tabelli u s-sinjali tat-traffiku.

dd. Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

ee. "*Il-Kunsill japprova li l-offerta għas-servizz ta' contracts manager tiġi aġġudikata lis-Sur Emmanuel Farrugia bir-rata ta' 4.85% b'erbgħin siegħa servizz fil-ġimgħa peress li hi l-iktar offerta vantaġġjuża għal Kunsill.*"

ff. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

gg. Il-Kunsillier Joan Farrugia daħlet lura għal-laqgħa. (7.10pm)

hh. Bl-egħluq ta' din is-sejħa għall-offerti, fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li jkompli jitratta l-ewwel *item* fuq l-aġenda.

**14.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.1.84 Il-Kunsill kien mitlub jitratta l-minuti ta' seduta *ad hoc* tas-6 ta' Settembru, 2010.

14.1.85 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

14.1.86 *"Il-Kunsill japprova l-minuti tas-seduta ad hoc tas-6 ta' Settembru, 2010, kif imressqa."*

14.1.87 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

14.1.88 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti tas-seduta *ad hoc* tat-13 ta' Settembru, 2010.

14.1.89 Il-Kunsillier Nevillie Mallia ressaq din il-mozzjoni:

14.1.90 *"Il-Kunsill japprova l-minuti tas-seduta ad hoc tat-13 ta' Settembru, 2010, kif imressqa."*

14.1.91 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'ħames voti favur u astenzjoni.

14.1.92 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti ta' seduta 13 kontinwazzjoni tal-4 ta' Ottubru, 2010.

14.1.93 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

14.1.94 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 13.6.12 il-kliem "ma kienx" jiġi sostitwit bil-kliem "kien"."

14.1.95 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.96 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

14.1.97 *"Il-Kunsill jaqbel li l-minuti tas-seduta 13 kontinwazzjoni tal-4 ta'Ottubru, 2010 jiġu approvati, kif emendati."*

14.1.98 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.1.99 Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill qabel li jkompli jitratta *item* numru ħamsa tal-aġenda.

## 14.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet

14.5.18 Il-Kunsill kien infurmat li t-talba li saret mill-Iskola Primarja għal kiri tal-klassijiet kienet tammonta għal €4,700, liema talba kienet mgħoddija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex tkun approvata minnhom.

14.5.19 Il-Kunsill approva x-xiri ta' tnax-il *diary* personalizzati bil-prezz ta' €3.69-il wieħed għal membri tal-Kunsill u l-istaff, għajr għas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li stqarrew li ma għandhomx bżonn tali *diary*.

14.5.20 Il-Kunsill approva l-aħħar disinn u stima mressqa mill-*ELC* relatati mal-proġett tat-tisbiħ tal-ġnien f'Misraħ Lewża u li tammonta għal € 8,270.89, inkluż il-VAT.

14.5.21 Il-Kunsill qabel ukoll li jiġu gradwalment mibdula erba' bankijiet fl-istess ġnien u li hu stmat li komplessivament ilaħħqu għal madwar €1900 mingħand *John G. Cassar Limited*.

14.5.22 Il-Kunsill approva żewġ stimi għal manutenzjoni ta' bankijiet eżistenti li tlaħħaq għal €375 f'xogħol ta' manutenzjoni tal-

ħadid tagħhom u €177 lis-Sur Emmanuel Farrugia għax-xogħol manwali li jinkludi l-armar u ż-żebgħa lil dawn il-bankijiet.

14.5.23 Il-Kunsill approva l-pjan tal-Gvern Ċentrali sabiex fiż-żona ndustrijali jiftaħ suq agrikolu.

14.5.24 Il-Kunsill inotta b'sodisfazzjoni l-impenn tas-*San Ġwann Scouts* li se joffru t-tinda għall-attivita' tal-Milied.

14.5.25 Il-Kunsill approva x-xiri ta' erba' *floodlights* sabiex jintramaw fil-*cart ruts* u jkunu jistgħu jintużaw aktar 'il quddiem għal prezz ta' €369.84 mingħand *Hyrdolectric Limited*.

14.5.26 Il-Kunsill approva proposta sabiex issir evalwazzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu mixgħula l-pjazzez ewlenin u li għal dan il-għan kien hemm qbil li jiġi nkarigat l-Inġinier Edward Magro, u li tali xogħlijiet ikunu kkummisjonati lil kumpanija li tieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dwal pubbliċi.

14.5.27 Il-Kunsill kien mgħarraf bil-progress dwar l-attivitajiet tal-Milied, nkluż li d-Dipartiment tal-Kultura kien se jipprovdi l-arbli, l-ħtieġa tat-trasport tagħhom, li se jinxtraw it-trofew konnessi, li ssir verifika dwar post għall-ikla tal-Milied u l-permessi meħtieġa mill-Pulizija.

14.5.28 Wara li l-Kunsill ikkunsidra l-*pedestrian crossing* fi Triq is-Santwarju mhux vijabbli li tersaq minħabba spejjeż, kien hemm qbil li jsiru tali dwal *overhead*.

14.5.29 Il-Kunsill approva li dwal li kienu twaħħlu minnhu mal-kappella tal-Madonna tal-Mensija u li ġew imqabbda ma' din tal-kappella, jsir ix-xogħol neċessarju sabiex dawn ikun mqabbda mad-dwal pubbliċi.

14.5.30 Il-Kunsill approva talba sabiex jingħata rendikont ta' xogħlijiet approvati mill-Kunsill u baqgħu ma twettqux.

14.5.31 Il-Kunsill, wara diskussjoni, dwar kontijiet li baqgħu ma tħallsux, qabel li jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

14.5.32 Is-Sindku ressaq lista ta' pagamenti bin-numru 30 u li tinsab anessa bħala dokument 14D.

14.5.33 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ressaq din il-mozzjoni:

14.5.34 *"Il-Kunsill japprova l-iskeda ta' pagamenti numru 30 kif imressqa."*

14.5.35 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

14.5.36 Il-Kunsill approva l-ħlas ta' kontravvenzjoni li ngħatat lill-ħaddiem tal-*IPSL* waqt li kien qed juża l-vettura tal-Kunsill, iwettaq il-ħidma tiegħu f'isem il-Kunsill.

14.5.37 F'dan l-istadju tal-laqgħa tressqu xi *arising out* mill-Minuti.

14.5.38 Il-Kunsill kien infurmat dwar tneħħija ta' sinjali u kliem oxxenn li saru fi Ġnien Karen Grech mill-*Contracts Manager*.

14.5.39 Wara diskussjoni l-Kunsill approva kont pendenti ta' *B.Grima and Sons Ltd.* wara li kien ikkunsidrat li xogħlijiet ta' sinjali tat-traffiku għal quddiem *Child Care Centre* saru iżda sar nuqqas li ma sarux it-tabelli kif indikati fejn kien ikkunsidrat li xogħol simili għandu jitressaq quddiem il-Kunsill peress li għalkemm ordanti mit-TM biex isiru mill-Kunsill kien hemm qbil li dawn għandhom isiru mill-awtorita' msemmija.

14.5.40 Il-Kunsill innota li xogħlijiet relatati ma' *soft areas* ingħataw spinta wara li l-*Contracts Manager* kien mar personalment jgħaddi *warning* lil *ELC*.

**14.7 Data tas-seduta li jmiss**

14.7.1 Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill għal nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

14.7.2 Kien hemm qbil dwar dan.

14.7.3 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fit-8.20 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **6 Diċembru, 2010**

_________________________ ________________________

Etienne Bonello DuPuis — Adrian Mifsud

Sindku — Segretarju Eżekuttiv